



Brussell, 6 ta' Lulju 2016  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2013/0297 (COD)

---

10000/16  
ADD 1

STATIS 39  
TRANS 224  
CODEC 851

## ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

---

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta'  
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li  
jemenda r-Regolament (KE) Nru 91/2003 dwar l-istatistika tat-trasport bil-  
ferrovija, fir-rigward tal-ġbir ta' data dwar merkanzija, passiġġieri u inċidenti  
- Abbozz ta' dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fit-30 ta' Awwissu 2013, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija, fir-rigward tal-ġbir ta' data dwar merkanzija, passiġġieri u inċidenti.
2. Il-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament Ewropew ġiet adottata fil-Plenarja fil-11 ta' Marzu 2014.
3. Saret laqgħa informali tat-trilogu fil-25 ta' Novembru 2014 mar-rappreżentanti tat-tliet istituzzjonijiet. Matul din il-laqgħa, intlaħaq qbil dwar test ta' kompromess.
4. Fid-19 ta' Diċembru 2014, il-COREPER ħa nota iżda ma appovax il-kompromess milħuq matul it-Trilogu, bil-kwistjoni prinċipali tkun l-istudji pilota obbligatorji li għandhom isiru mill-Istati Membri.
5. Wara saru negozjati informali intensi bejn il-Presidenzi suċċessivi: LV, LU u NL mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni.
6. Fl-24 ta' Mejju 2016 seħħi trilogu informali finali bejn it-tliet istituzzjonijiet fejn eventwalment intlaħaq qbil dwar test ta' kompromess finali.

7. Fit-3 ta' Ġunju 2016, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni kkonferma dan il-qbil dwar it-test ta' kompromess finali fl-anness bil-ħsieb li jintlaħaq qbil bikri fit-tieni qari dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija, fir-rigward tal-ġbir ta' data dwar merkanzija, passiġġieri u inċidenti.
8. Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) qabel dwar it-test li jirrifletti r-riżultat tal-mandat u fil-15 ta' Ġunju 2016, il-President tal-Kumitat indirizza ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni, fejn iddikjara li, jekk il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari f'konformità mat-test kif anness mal-ittra tagħhom u li ġie kkonfermat mill-COREPER fit-3 ta' Ġunju 2016, huwa jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tīgi aċċettata mingħajr emendi, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament.

## **II. OBJETTIV**

9. L-iskop tal-abbozz ta' regolament huwa li jimmodifika r-Regolament (KE) Nru 91/2003 sabiex jaġġorna, jissimplifika u jottimizza l-qafas legali eżistenti għall-istatistika Ewropea dwar it-trasport bil-ferrovija u li jallinjah mal-kuntest istituzzjonali l-ġdid.

### **III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI**

10. Wara l-votazzjoni fil-Plenarja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu qbil bikri fit-tieni qari abbażi ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament seta' japprovaha kif kienet. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess milħuq bejn il-koleġislaturi.
11. Il-kwistjoni prinċipali ewlenija bejn iż-żewġ istituzzjonijiet kienet it-talba tal-Parlament Ewropew għal data addizzjonali, b'mod partikolari dwar is-sikurezza, l-aċċessibbiltà, u l-punti ferrovjarji transkonfinali abbandunati. Il-biċċa l-kbira tad-data mitluba digħà nġabret minn servizzi jew aġenziji oħra tal-Kummissjoni. Eventwalment intlaħaq kunsens peress li l-iffirmar ta' żewġ memoranda, wieħed bejn il-Eurostat u d-DG Move u l-ieħor bejn il-Eurostat u l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea, ta lill-Parlament Ewropew il-garanzija li d-data li talbu hija trattata u ser tkun disponibbli faciilment għall-publiku. Ġiet miżjud wkoll premessa ġdida li tissottolinja l-ħtieġa ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-entitajiet rilevanti bil-ħsieb li jipprovd informazzjoni aċċessibbli b'mod faċli kif ukoll utli għaċ-ċittadini tal-Unjoni u għal partijiet ikkonċernati oħra dwar is-sigurtà tat-trasport bil-ferrovija u l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja.

### **IV. KONKLUŻJONI**

12. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess milħuq fin-neozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, bil-qbil tal-Kummissjoni. Il-kompromess huwa kkonfermat mill-ittra li l-President tal-Kumitat TRAN indirizzata lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-15 ta' Ġunju 2016.